Ħarġa nru 2
Marzu 2010

# l-aċċent

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

**WERREJ**

| | |
|---|---|
| Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba | 2 |
| • ListCountriesandtheirDerivatives.xls | 2 |
| • Bejn normi nazzjonali u normi istituzzjonali | 3 |
| • Bil-Kelma t-Tajba | 4 |
| • Bejn iċ-ċpar u l-bnazzi fi kliemna | 5 |
| Kelma b'kelma: It-terminoloġija | 6 |
| • COST = Kost vs Spiża vs Nefqa. U prezz? | 6 |
| • Interferenzi | 8 |
| Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra | 9 |
| • Id-diversità lingwistika: perspettiva ġuridika | 9 |
| • Żjara minn Traduttur 2009 | 12 |
| • Ħidma fuq ċekkjatur bil-Malti | 14 |
| • Michael Apweiler, student barrani tal-Malti | 15 |
| Tisliba kriptika | 16 |

*Intasab taħt il-famuż "Pont l-Aħmar" ta' Belt il-Lussemburgu; tħossok nemla. Il-ħsieb li taqsmu bil-mixi x'aktarx jaqtagħlek qalbek. Ilu kważi nofs seklu b'sieq waħda 'l hawn u l-oħra 'l hinn jitqawwas fuq il-wied li jifred lill-kwartier tal-Kirchberg, fejn jinsabu l-binjiet tal-istituzzjonijiet tal-UE, mill-bqija tal-kapitali. Qabel ma bnewh, biex jaslu minn naħa għall-oħra kellhom jinqdew bi triq ferm itwal, imserrpa, u miżgħuda bin-niżliet u bit-tlajja'. Il-ħajja hija ferm iktar faċli llum, bil-pont, milli qatt kienet qabel ma nbena. Ħadd m'għandu l-iċken dubju li lill-belt ippermettielha timxi 'l quddiem b'pass ferm iktar mgħaġġel milli kien jirnexxilha tagħmel kieku baqgħet mingħajru.*

*Il-ħsieb tal-bidu wara* l-aċċent *ukoll kien li jservi bħala pont: l-ewwel bejn it-tliet unitajiet fi ħdan id-Dipartiment tal-Malti tal-Kummissjoni Ewropea nnifsu u mbagħad, "meta jasal iż-żmien", bejn it-tradutturi kollha tal-Malti tad-diversi istituzzjonijiet u servizzi tal-UE. Eventwalment, kellu jasal ukoll il-mument meta wieħed jibda jesplora l-idea li l-bieb jinfetaħ għal dawk kollha li għandhom interess professjonali fl-ilsien Malti.*

*L-idea kienet li l-proġett jimxi pass wara pass. Qisnieh bħala fatt li l-affarijiet kienu se jiċċaqilqu bil-mod, iżda morna mqarrqin. Tista' tgħid li, mill-ewwel, wara li bdiet iddur fl-idejn l-ewwel ħarġa, sħabna t-tradutturi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u dawk tal-Parlament Ewropew minn jeddhom esprimew l-interess attiv tagħhom li jinvolvu ruħhom. Fil-fatt, diġà f'din il-ħarġa wieħed isib artiklu ta' Chris Vella, kollega mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Dan barra kitba oħra minn Ramon Casha, minn barra l-istituzzjonijiet tal-UE. Sadattant, saru kuntatti mas-servizzi kollha tat-traduzzjoni għall-Malti fi ħdan l-UE u f'kull wieħed minnhom inħatret persuna li se sservi bħala s-sieq tal-pont fuq in-naħa l-oħra.*

*B'sens ta' ottimiżmu nistennew li dan il-momentum jibqa' jżid fir-ritmu tiegħu sabiex din il-pubblikazzjoni sservi mhux biss ta' pont iżda wkoll ta' agora għad-diskussjoni u għat-tlaqqigħ tal-ideat għall-ħaddiema tal-Malti fi ħdan l-istituzzjonijiet Ewropej u lil hinn minnhom. Aktar ma nisfruttaw bil-għaqal kwalunkwe opportunità biex nikkomunikaw, nitħaddtu u niddibattu bejnietna, aktar ikun possibbli li niġbdu ħabel wieħed fejn għandha x'taqsam il-materja prima ewlenija tagħna: l-ilsien Malti. L-isfidi li għad għandna quddiemna fit-tħaddim ta' lingwa li għadha għaddejja minn proċess biex jitwarrbu l-inċertezzi dwar kif tinkiteb nistgħu nindirizzawhom b'mod effettiv biss jekk naħdmu flimkien.*

Alessandro Mangion

## BIR-REQQA
### *Il-lingwa miktuba*

**ListCountriesandtheirDerivatives.xls**
Andrew Sammut

Għaddew is-snin minn meta bdiet it-traduzzjoni tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea għall-Malti, u waħda mill-problemi li sikwit konna nħabbtu wiċċna magħhom bħala tradutturi kienet tinvolvi l-ismijiet tal-pajjiżi. Opinjonijiet differenti, sorsi differenti u lakuni fis-sorsi li jeżistu wasslu għal xi diżgwidi u nuqqasijiet ta' konsistenza fix-xogħol. Imma wasslu wkoll biex tinħass il-ħtieġa għal gwida jew lista uffiċjali li t-tradutturi kollha jistgħu jimxu magħha. Minkejja li listi uffiċjali ma kienx hawn, kien hawn gwidi li konna nżommu magħhom, fl-istennija ta' xi ħaġa uffiċjali mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Xi ħaġa uffiċjali waslitilna, mhux mill-Kunsill tal-Malti, imma direttament mill-Gvern Malti. Fin-nuqqas ta' xi ħaġa aktar uffiċjali minnha (jekk tabilħaqq jista' jkun hemm xi ħaġa aktar uffiċjali minn struzzjonijiet diretti mill-Gvern), ikollna nimxu magħha f'xogħolna.

Niġu għal-lista, li tqassmitilna bħala Excel file bl-isem "ListCountriesandtheirDerivatives.xls".

Meta ftaħtha l-ewwel darba kont sorpriż. Mhux tant għall-fatt li l-isem tal-fajl ta' lista ta' ismijiet bil-Malti kellu jkun bl-Ingliż, u lanqas għall-fatt li l-pajjiżi jidhru fl-ordni tal-alfabet Ingliż[1]. Kont sorpriż bil-lista għaliex mal-ewwel daqqa t'għajn diġà stajt nara li teħtieġ ix-xogħol. Dan fih innifsu mhux ħaġa ħażina, għaliex punt tat-tluq dejjem huwa aħjar mix-xejn. Imma punt tat-tluq lanqas ma huwa r-riżultat aħħari li wieħed għandu jqassam u jagħti struzzjonijiet riġidi biex jiġi segwit.

Minħabba l-mod li bih ġiet ippreżentata din il-lista, idejna huma marbuta. U jkollna nżommu magħha. U huwa l-frustrament għall-fatt li din il-lista ma stajtx immissha, lanqas inżid it-tikek fuq iż-ż fejn huwa ovvju li dan kien żball, li wassalni biex nikteb hawnhekk.

Dan ma nagħmlu la b'sens ta' akkuża, u lanqas b'sens ta' pika ma' min fassalha, imma b'sens ta' rispett lejn ilsienna, li umilment naħseb li jistħoqqlu aħjar. Għalhekk nistieden lil min huwa responsabbli (li onestament ma għandix l-inqas ħjiel min jista' jkun), jew lil min iħoss, bħali, li din il-lista għandha terġa' titfassal, biex iwieġeb dawn il-mistoqsijiet. U jekk ma jasalx biex iweġibhom, forsi b'xi mod jużahom biex itejjeb dak li diġà hemm.

1) Jekk din il-lista ġiet ippreżentata biex jiġu evitati d-diżgwidi u r-riperkussjonijiet politiċi, għaliex fl-Anness II għat-Trattat ta' ~~Liżbona~~ Lisbona nsibu, pereżempju, It-Territorji Franċiżi tan-Nofs-in-Nhar jew it-Territorji Britanniċi, filwaqt li fil-lista li waslitilna nsibu t-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u t-Territorji Brittanniċi? Bl-istess mod, jekk fit-Trattat hemm Ġjorġja ta' Nofs-in-Nhar, għaliex fil-lista nsibu Ġeorġja tan-Nofsinhar? Jekk korrezzjonijiet ortografiċi għal dak li hemm fit-Trattat huma permessi, għaliex ma nistgħux indaħħlu korrezzjonijiet ortografiċi oħra?

2) X'mudelli ntużaw biex l-ismijiet jinqalbu għall-Malti? - Għaliex xi wħud mill-ismijiet jimxu fuq il-prinċipju fonetiku u l-alfabet Malti, eż. il-Baħrejn, il-Bangladexx, Ġibuti (għal xi raġuni, mingħajr l-artiklu), filwaqt li oħrajn le, eż. il-Liechtenstein, Nauru jew tabilħaqq Saint Pierre u Miquelon? Għaliex ċerti ismijiet jissejsu fuq l-ortografija Taljana u mhux dik Maltija, bħal fil-każ tal-~~Iżvizzera~~ Isvizzera jew il-każ tal-~~Iżvezja~~ Isvezja?

3) Għaliex ismijiet li loġikament għandhom isegwu l-istess mudell jinkitbu b'mod differenti, eż. it-Tanzanija / it-Tuneżija, jew Każakstan / Kirgiżstan, Możam***bik*** / Martini***que***?

4) Il-valuti fuq liema prinċipji nqalbu? Għaliex 1/100 ta' dinar Alġerin huwa ċentim, 1/100 ta'

[1] Għalhekk, biex issib isem ta' pajjiż bil-Malti, ikollok l-ewwel timmaġina x'inhu bl-Ingliż imbagħad tfittex bejn wieħed u ieħor fejn jista' jkun fil-lista tradotta.

peso Kuban huwa ċentavo, filwaqt li 1/100 ta' dollaru Amerikan huwa ċenteżmu (bħalma hu 1/100 ta' ewro)? Billi s-centésimo tal-Panama qlibnieh "ċentesimo" għamilna sew? U jekk is-Sudan għandu l-Lira, għaliex il-Libanu għandu l-Livre?

5) Għaliex l-isem tal-pajjiż jinqaleb bil-Malti, filwaqt li l-isem tal-belt kapitali jibqa' bl-ortografija Ingliża jew dik oriġinali, eż. Ir-Repubblika ***Iżlamika*** tal-Pakistan – ***Islamabad***; L-Arabja Sawdija – ***Riyadh***; il-Brażil - ***Brasília***?

6) Għaliex ċittadin tal-Korea ta' Fuq huwa Nord Korean, ċittadin tal-Korea ta' Isfel huwa Sud Korean, filwaqt li ċittadin tal-Irlanda ta' Fuq huwa mir-Renju Unit, imma mhux Nord Irlandiż?

7) Jekk għall-maġġoranza tal-ismijiet 'l-identifikatur' tal-isem inqaleb bil-Malti – eż. ir-Repubblika ta' xxx jew il-Gżira ta' xxx, għaliex għal Commonwealth (bħal fil-każ tal-Commonwealth ta' Dominika) ma sibna xejn? Għaliex naqilbu parti mill-isem u l-parti l-oħra ma naqilbuhiex – eż. il-Gżira Christmas; il-Gżejjer Faeroe....?

Minkejja dan kollu, ikolli ntenni li ilu jinħass il-bżonn għal lista bħal din, u għalhekk it-tixrid tagħha żgur li huwa pass fid-direzzjoni t-tajba. Li jgħaġġibni huwa l-fatt li minkejja x-xogħol ovvju li teħtieġ, ġiet ippreżentata b'timbru uffiċjali. Ma nafx kemm kien involut il-Kunsill tal-Ilsien Malti fit-tfassil ta' din il-lista, imma tabilħaqq inkun sorpriż jekk insir naf li kien involut. U jekk ma kienx involut, jew saħansitra lanqas ġie kkonsultat, f'deċiżjoni(jiet) daqshekk importanti - dan jawgura tajjeb għall-għażiż ilsienna?

~●~

**Bejn normi nazzjonali u normi istituzzjonali**
Ivan Said

Fid-Dipartiment tal-Malti tad-DĠT nipproduċu żewġ tipi ta' traduzzjonijiet: leġiżlazzjoni u komunikazzjonijiet uffiċjali, li jkunu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* u dokumenti oħra li jkunu ppubblikati bħala promozzjoni tal-attivatajiet dwar l-Unjoni Ewropea jew ta’ tagħrif dwarhom. Dawn tal-aħħar, li huma ftit ħafna, qatt ma jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, iżda jidhru bħala fuljetti jew kotba żgħar li jitqassmu b'xejn f'xi postijiet ċentrali ta' tagħrif, eż. l-Uffiċċju tar-Rappreżentanza tal-UE f'Malta.

Tajjeb li nżommu din id-distinzjoni f'moħħna għaliex iż-żewġ tipi ta' dokumenti jeħtieġu żewġ stili differenti. Iżda l-maġġoranza l-kbira tad-dokumenti li nittraduċu fil-Lussemburgu huma ddestinati li jidhru fil-Ġurnal Uffiċjali u allura jirrikjedu stil wieħed uniku. Jien hawn se nsemmi xi punti li jaqgħu taħt dan l-istil filwaqt li dejjem inżomm f'moħħi *Il-Gwida tal-Istil Interistituzzjonali* u dik *Dipartimentali* li tnediet f’Jannar li għadda:

***L-eluf, il-miljuni, il-biljuni u t-triljuni***
Ma nużawx virgola f'dawn iżda biss spazju (*fixed space: shift, control, space bar* f'daqqa), eż. 10 000 u mhux 10,000. (Il-kelma *miljard* fil-Malti ma teżistix.)

***EUR***
Maċ-ċifri nużaw biss EUR u qatt euro jew is-simbolu €. Il-kelma euro tintuża biss fit-test, eż. 'L-euro sejjer tajjeb bħalissa'. Nistgħu nużaw is-simbolu € f'eċċezzjonijiet żgħar ħafna bħal f'tabelli fejn għandna nuqqas kbir ta' spazju li ma jippermettilniex nużaw EUR.

***Id-deċimali***
Noħolqu d-deċimali bl-użu tal-virgola u qatt bil-punt, anke fit-tabelli b'ċifri ta' flejjes jew qisien, eż. 7,5 u mhux 7.5.

Dawn ir-regoli mhumiex skont il-grammatika u l-istilistika tal-Malti iżda aħna obbligati li nsegwuhom meta qed nittraduċu biex inkunu konformi mas-sistema kontinentali u b'hekk id-dokumenti kollha li jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali jidhru l-istess, speċjalment meta jidħlu ċ-ċifri ta' flejjes kbar. Din it-tagħwiġa tar-regoli grammatikali nazzjonali ma tiġrix biss fil-Malti, iżda tiġri wkoll fl-Ingliż u fil-Latvjan. Kulħadd

huwa obbligat li jsegwi s-sistema kontinentali, inklużi l-awturi, u għaldaqstant għandna l-obbligu li, meta qed nittraduċu dokument, nadattaw għas-sistema kontinentali anki jekk l-awtur tad-dokument naqas li jagħmel dan.

***Il-korsiv***

L-użu tal-korsiv fil-Ġurnal Uffiċjali hu ristrett biss għall-kliem Latin u għall-isem uffiċjali sħiħ ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea,* peress li l-korsiv għandu importanza legali kbira: ċerti emendi fil-leġiżlazzjoni huma indikati bil-korsiv. Kuntrarjament għal dak li tgħid ir-regola tal-Malti, ma jintużax il-korsiv għal kliem *sui generis* jew kliem ieħor li mhux Malti.

Biex nikkonkludu, meta qed tittraduċi dokument li mhux se jidher fil-Ġurnal Uffiċjali segwi r-regoli u l-istilistika tal-Malti u injora dan li għadni kif ktibt hawn fuq. Dan jgħodd ukoll għall-istqarrijiet għall-istampa u għal *Ir-Rapport Ġenerali* annwali.

~●~

**Bil-Kelma t-Tajba**

Manwel Mifsud

Servizz tal-Kunsill
Nazzjonali tal-Ilsien Malti

**Mistoqsija:**

Fil-gazzetta sibt il-kelma: ***roddhuli***. Dan xi żball tal-ġurnalista?

La niktbu ***roddu***, mhux ***rodduli*** suppost niktbu?

**Tweġiba:**

***roddhuli*** u ***rodduli*** t-tnejn jeżistu, imma ma jfissrux l-istess:

- ***roddhuli*** tfisser "inti rodd (ċertu oġġett) lili"
- ***rodduli*** tfisser "intom roddu lili"

Mela jista' jkun li l-ġurnalista kellu jew kellha raġun.

**SPJEGA:**

- Dan huwa punt ta' reqqa tal-kitba Maltija li ħafna ma jafuhx jew jitħawdu fih, tant li, jekk wieħed ikun irid jara tafx tikteb tajjeb bil-Malti, ġieli joħroġlok bih biex jara kemm inti mħarreġ.
- Nista' nuża verb sempliċi biex ngħidlek: ***Sib!***

Tgħidli "Xiex, xi nsib?", u jien inżidlek l-oġġett dirett biex ngħidlek x'għandek issib:

***Sib in-nuċċali***

Int tistaqsi "Lil min?", u jien inżid ukoll l-oġġett indirett biex ngħidlek lil min se ssibu n-nuċċali:

***Sib in-nuċċali lil Marija***

Issa għall-ħeffa ż-żewġ oġġetti nista' nqassarhom billi flok in-nomi sħaħ (***in-nuċċali***, ***Marija***) nuża l-pronomi li jmorru minflokhom:

***Sib in-nuċċali*** > ***Sibu***

***Sib in-nuċċali lil Marija*** > ***Sibhulha***

Minn hawn tara li l-pronom mehmuż maskili (l-oġġett dirett) qed jinkiteb differenti skont il-każ:

- sakemm ikun waħdu wara l-verb, jibqa' ***–u***
- IMMA meta warajh ikollu wkoll pronom mehmuż ieħor (tal-oġġett indirett) isir ***-hu-***

Jew f'għamla ta' formula qasira:

VERB + OĠĠETT DIRETT ***-u***

VERB + OĠĠETT DIRETT ***-hu-*** + OĠĠETT INDIRETT

Eżempji oħra:

| | | |
|---|---|---|
| ***hu ħallat ix-xorb*** | = | ***ħalltu*** |
| ***hu ħallat ix-xorb lill-klijent*** | = | ***ħallathulu*** |
| ***hi bagħtet l-ikel*** | = | ***bagħtitu*** |
| ***hi bagħtet l-ikel lil oħtha*** | = | ***bagħtithulha*** |
| ***inti rodd il-ħajr*** | = | ***roddu*** |
| ***inti rodd il-ħajr lili*** | = | ***roddhuli*** |

~●~

**Bejn iċ-ċpar u l-bnazzi fi kliemna**
Ivan Said

Matul l-2009, il-Kummissjoni Ewropea varat "Il-Proġett għal Kitba Ċara" bl-iskop li tikkommetti ruħha għal komunikazzjoni ċara u aktar diretta maċ-ċittadini tal-UE, speċjalment issa li għandha 27 Stat Membru u 23 lingwa uffiċjali.




B'din l-inizjattiva l-Kummissjoni qiegħda timmira li taqta' ħafna mill-kliem żejjed burokratiku u legalistiku tagħha li jbegħedha miċ-ċittadini Ewropej.

Dan il-proġett ġie wara li xi snin ilu l-Kummissjoni kienet wettqet il-kampanja *Fight the Fog*, fi żmien meta l-istituzzjoni kellha biss 15-il Stat Membru u 12-il lingwa.

Il-Proġett għal Kitba Ċara tal-Kummissjoni Ewropea jinkludi wkoll il-Kampanja għal Kitba Ċara. Bħala parti minn din il-kampanja, f'Marzu 2010 ħareġ *Kif tikteb ċar,* ktejjeb stampat ta' għajnuna lill-awturi u t-tradutturi Maltin. Xogħol ta' Ivan Said, megħjun minn Carmel Attard u Mark Vella, dan il-ktejjeb għandu jgħinna nkunu konċiżi u preċiżi f'kitbietna u fit-traduzzjonijiet tagħna. Kull dipartiment lingwistiku tad-DĠT kien mistieden joħloq verżjoni adatta għal-lingwa tiegħu.

Il-pubblikazzjoni stampata hija disponibbli b'xejn f'*Il-Ġimgħa ddedikata lill-Kitba Ċara* li bdiet fil-15 ta' Marzu 2010. Barra minn hekk, il-verżjoni elettronika hija disponibbli fuq is-sit Europa.




Disinn ta' Ramon Corrado

## KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**COST = Kost vs Spiża vs Nefqa. U prezz?**
Reuben Seychell

Xi wħud jittraduċu **cost** (EN) bħala **nefqa**. **Nefqa** nużawha għal **expenditure**. Bosta jittraduċu **cost**/**costs** dejjem u mingħajr ebda kwalifika bħala **spiża/spejjeż**. Mill-esperjenza tiegħi, ħafna ma jaċċettawx l-użu ta' **kost/kostijiet** "għax **kost** mhix kelma Maltija", "għax **spiża** hija aktar Maltija", "għax **kost** hija neoloġiżmu li ma għandniex bżonnu minħabba li l-istess tifsira nsibuha fi **spiża**", jew għal xi raġuni oħra li mhix korretta. Dawn ir-raġunijiet għall-għażla ta' **spiża** (MT) bħala t-traduzzjoni ta' **cost** (EN) huma arbitrarji u żbaljati.

***Tifsira***

Il-kelma **spiża** timplika li ġie rrealizzat ammont monetarju; għadda minn id għal oħra.

Il-kelma **kost** ma timplikax dan. **Kost** jirrappreżenta l-valur ta' oġġett. Il-**kost** huwa fattur li jista' jiġi pprezzat mingħajr in-neċessità li jintefaq jew li jiġi rrealizzat fi **spiża**.

***L-għażla tal-kelma skont il-kuntest***

Hemm għadd ta' każijiet fejn fl-Ingliż jużaw **cost** u fil-Malti tista' tuża **spiża**. Hemm test li wieħed jista' jagħmel biex jara jekk dan ikunx korrett. Jekk xi ħadd ikollu dubju dwar l-użu fil-kuntest fil-Malti, jista' jistaqsi jekk l-awtur hux jitkellem dwar **cost** jew **expense**. Jekk qed jirreferi għal **expense**, allura wieħed jista' juża **spiża**. Pereżempju, **sunk cost** qed tirreferi għal nefqa li diġà saret, allura l-kost ġie rrealizzat u sar spiża; għalhekk **sunk cost** tiġi tradotta bħala **spiża mitlufa**.

Jista' jkun li t-tweġiba la tkun **cost** u lanqas **expense**, minħabba li fil-Malti hemm sinifikat minnhom ta' **cost** li huwa marbut mal-ipprezzar. Il-kelma **prezz** hi l-ekwivalenti ta' **price**; madankollu xi drabi tista' toqgħod bħala traduzzjoni ta' **cost**. Dan meta l-**cost** jirreferi għal oġġetti jew servizzi li huma għall-bejgħ (jew ekwivalenti). Pereżempju:

*"The cost of a ticket to India is ..." = "Il-prezz ta' biljett għall-Indja hu..."* (minħabba li prezz, bħal kost, timplika l-eventwalità li ssir spiża, imma ma timplikax li 'ġie rrealizzat ammont monetarju'); jew *"That is the cost you have to pay for deceiving me" = "Dak hu l-prezz li jkollok tħallas talli dħaqt bija".*

F'każijiet bħal dawn l-Ingliż juża **cost** fis-sens ta' **price**, u għalhekk **prezz** tista' toqgħod ukoll minflok **kost**. Iżda fil-bqija tal-każijiet wieħed ikun żbaljat meta ma jużax **kost**.

Dan jgħodd, bla dubju, għal meta wieħed jittraduċi **cost** f'ambiti baġitarji, ekonomiċi, kummerċjali jew ta' kontabbiltà, inklużi termini bħal dawn li ġejjin:

social cost = kost soċjali
opportunity cost = kost tal-għażla

cost base = il-bażi tal-kost (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1279/2007: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2007/october/tradoc_136640.def-and-repeal.mt.L285-2007.pdf)

production cost = kost tal-produzzjoni (il-Liġijiet ta' Malta, il-Kap 422: http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/maltese/leg/vol_13/kap442.pdf; ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1279/2007: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2007/october/tradoc_136640.def-and-repeal.mt.L285-2007.pdf)

environmental cost = kost ambjentali

redistribution of costs (http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52007PC0747:MT:HTML)

cost structure = struttura tal-kostijiet (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2007) 747 finali: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52007PC0747:MT:HTML)

cost (inġenerali), development cost u distribution cost = kost, kost tal-iżvilupp u kost tad-distribuzzjoni

(http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/maltese/leg/vol_13/kap442.pdf).

***Id-distinzjoni f'ilsna oħra Ewropej***

Fil-lingwaġġ tekniku u uffiċjali (li huwa l-lingwaġġ tal-miktub, b'mod speċjali fil-kuntest tax-xogħol tat-traduzzjoni ta' dokumenti tekniċi bħalma huma l-liġijiet u standards tekniċi), hemm distinzjoni bejn **kost** u **spiża** li teżisti f'bosta ilsna Ewropej, kemm dawk Rumanzi kif ukoll dawk Ġermaniċi. Pereżempju, fl-ilsna Rumanzi nsibu **costo** u **spesa** fit-Taljan, **custo** u **despesa** fil-Portugiż, **coût** u **dépense** fil-Franċiż; u fl-ilsna Ġermaniċi: **cost** u **expense** fl-Ingliż, **kustannus** u **kulu** fil-Finlandiż, **kosten** u **uitgave** fl-Olandiż jew **kosten** u **ausgabe** fil-Ġermaniż. Fl-ilsna Baltiċi nsibu **kastai** u **išankstiniai** jew **sąskaita** fil-Litwan.

F.1. **SPIŻA** *n.f.s., pl. spejjeż* (**Tal. spesa, Petr. 'lo spendere e il denaro speso'**): nefqa ta' flus meħtieġa għal xirja jew kisba ta' xi ħaġa; somma li wieħed joħroġ minn butu għal xi ħaġa; — **pubblika:** flus maħruġa mill-gvern għal kulma jinħtieġ; — **żejda:** flus moħlija f'dak li ma kienx meħtieġ jew f'aktar mix-xieraq; **għamel** — : mar jixtri, ħareġ il-flus minn butu; sborża; *p.est.* nefaqhom, nefaq somma flus (f'xi ħaġa); ħareġ kemxa ġmielha; għamel xirja barra mid-drawwa;

F.2 **KOST** *n.m.s., pl. ma jingħadx* (**Tal. costo, Petr. 'quel che costa una cosa'**): kemm tiġi tqumlu jew tiswielu (l-ħaġa eċċ.) lil min jiksibha, jixtriha eċċ.; taħbita, xogħol, ħidma meħtieġa biex wieħed jagħmel eċċ. xi ħaġa; nefqa (ta' flus, ta' enerġija eċċ.); spiża; prezz; siwi ta' taħbit, dewmien ta' ħin jew żmien għal xi egħmil; *p.est.* nefqa; sagrifiċċju, telfa li wieħed iġarrab biex jaqta' xewqa eċċ.; *eż. Kieku kelli nsiefer safra ta' xahar, kemm jiġini l-kost?;* **il- — tal-produzzjoni:** kemm tiġi tiswa l-ħaġa biex wieħed jagħmilha; **għal kwalinkwa** — : ikun xi jkun, jiġri li jiġri, jitħallas x'jitħallas ta' hekk, bla qies tal-konsegwenzi; (2) *magħquda bil-pref. 'ak-' b'saħħa ta' avv. a.t.* **akkost;**

***Għeruq storiċi***

Din mhix xi interpretazzjoni li qed tiġi vvintata llum u wisq anqas ma twieldet ilbieraħ. Din id-distinzjoni ilha teżisti s-snin u, speċjalment fil-kampijiet tekniċi, minn dejjem kienet tinżamm. Saħansitra Dun Karm, fid-Dizzjunarju tiegħu li ppubblika fl-1947, kien wera d-distinzjoni. Erin Serracino Inglott iżommha u jispjegaha (ara s-siltiet ikkupjati hawn taħt). Aquilina żamm iż-żewġ kelmiet (minkejja li ma ddistingwiex ċar biżżejjed bejn il-funzjoni tat-tnejn). George Cassola żammha wkoll fid-dizzjunarju tiegħu tal-kontabbiltà, u tinsab fil-glossarji tal-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabbiltà.

***Il-plural***

Naħseb li l-plural l-aktar idoneu ta' **kost** huwa **kostijiet**. Hemm min isostni li għandha tkun **kosts**. Il-kelma **kost** hija wisq eqdem mill-mekkaniżmu li juża s-"s" bħala plural fil-Malti. Hemm min juża **kosti** għax **kostijiet** ma ddoqqx għal widnejh.

Il-plural ta' **kost** jimmudella ruħu fuq nomi bħal **port**, **post** u **tort**, u mhux fuq **porta**, **posta** jew **torta,** skont it-tendenza li ġejja:

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| kost | kostijiet | | kosta | kosti |
| port | portijiet | | (sopra)porta | (sopra)porti |
| tort | tortijiet | | torta | torti |
| post | postijiet | | posta | posti |

***L-aħħar nota***

X'jingħad waqt it-taħdit hija storja oħra għall-fatt li waqt it-taħdit rarament xi ħadd minna jittratta dan it-tip ta' suġġetti. Ta' min wieħed iżomm quddiem għajnejh id-differenza bejn il-lingwa mitkellma u dik miktuba. Illissnu ħafna kliem u ħsejjes li fil-verità ma niktbuhomx. Ma naħsibx li l-kriterju ta' dokument tekniku u liġijiet għandu jkun it-taħdit f'kuntest ordinarju, wisq anqas għażla ta' kliem imsejsa fuq il-gosti u r-rima minflok il-preċiżjoni u ċ-ċarezza. Il-mitħaddet normalment jimmira lejn komunikazzjoni immedjata, effiċjenti, ta' sinifikat partikolari. Il-mitkellem jimmira lejn konsistenza fis-sinifikat fuq medda ta' żmien (biex jinftiehem fit-tul) u fil-livell tekniku lejn il-preċiżjoni. Għalhekk huwa importanti li wieħed iżomm ukoll f'moħħu d-differenza bejn il-lingwa għal skop ġenerali u dik għal skop speċifiku u

tekniku. Hemm diversi lingwaġġi li jintużaw skont il-kuntest. F'manwal għall-inġiniera jew għat-tobba ma jintużax il-lingwaġġ ta' kuljum. L-istess il-liġijiet u dokumenti tekniċi li jeħtieġu ċarezza legali b'livell għoli ta' preċiżjoni u teknikalità fejn xieraq.

*Ħajr lil George Cassola u lil Mark A. Sammut tal-kontribut tagħhom.*

~●~

**Interferenzi**
Mark Vella

Il-qrubija bejn l-elementi lingwistiċi li jsawru l-Malti sikwit hija aktar kumplessa milli tidher, u dan nistgħu narawh l-aktar fejn jiltaqgħu l-elementi Romanzi u Anglo-Sassoni biex fl-aħħar titfassal il-kelma 'Maltija'. Bħala tradutturi, kuljum qed nixhdu fażi storika importanti li għaddej minnu lsienna, jiġifieri l-iżvilupp mgħaġġel, forsi bla ebda preċedent, ta' lingwa, l-aktar fl-oqsma tar-reġistru formali u tat-terminoloġija ġdida u speċjalizzata. Iktar iva milli le, dan l-iżvilupp huwa riżultat ta' deċiżjonijiet u kompromessi li ġejjin mit-tqabbil bejn l-ilsna: wieħed jirrikorri dejjem inqas għall-morfoloġija Semitika biex joħloq il-kelma, u l-kunċett ewlieni li kważi dejjem jaslilna bil-lingwa sors tal-Ingliż nispiċċaw inqabbluh ma' reġistri, kunċetti u termini ta' oriġini Latina.

Il-Prof. Joseph Brincat jillustra dan billi jitkellem dwar xorta ta' 'ħbieb foloz' li wieħed jara meta jistħarreġ l-influwenzi lingwistiċi fil-Malti[1]. Bl-influwenza tal-Ingliż dejjem aktar qawwija minn dik tat-Taljan, l-adozzjoni ta' kunċetti li x'aktarx inġibuhom mill-Ingliż (għax jidhrulna l-ewwel darba b'dik il-libsa) iseħħ billi nadottawhom fil-Malti u nlibbsuhom libsa "Taljanizzata". Iżda s-'self', kif darba konna nsejħulu, jaf ikun aktar kumpless minn hekk, għax sikwit dak il-kliem Ingliż ikollu għeruq li jkunu Latini jew Franċiżi, u l-kobba tkompli titħabbel. Dan jaf joħloq kliem li 'ma jeżistix *hekk*' fit-Taljan: ***prosekutur*** minn *prosecutor* minkejja li pubblico ministero bit-Taljan; **azzjoni industrijali** li tinstema' Taljana għall-aħħar imma li t-Taljani jsejħula vertenza sindacale; u t-taħbil il-moħħ li nħabbtu wiċċna miegħu ta' spiss bejn ***evalwazzjoni*** u ***valutazzjoni***, li għandhom storja li mhix biss ta' distinzjonijiet, forsi sottili fit-tifsir, iżda anki ta' etimoloġiji jaħbtu ma' xulxin.

Hu x'inhu, tkun inħolqot il-kelma Maltija, u dawn il-mogħdijiet imwiegħra huma spiss il-mekkaniżmu li ħadu bosta mill-kelmiet li jiġuna naturali fi lsienna. Dan il-fenomenu ta' interferenza narawh mhux biss f'espressjonijiet u termini bħal dawn imsemmija fuq, iżda anki f'pari, sikwit problematiċi għat-tradutturi, fejn minħabba x-xebh bejn l-elementi lingwistiċi, tinħoloq problema dwar liema waħda hija l-kurrenti, ix-xierqa, jew il-preċiża. Nieħdu l-każ ta' ***obbligu/obbligazzjoni*** li spiss wieħed jeħel meta jara kif se jittraduċi *obligation.* Minkejja s-sors Ingliż, għandu etimoloġija Latina li għalhekk bilfors li tħabbtu wiċċ ma' wiċċ mal-kuġin Taljan. Tiftixa Google issibhom użati t-tnejn fil-Malti, l-iktar fl-oqsma tal-liġi u tal-ġurnaliżmu. F'Aquilina, imbagħad, ***obbligu*** jidher li ma tissemma qatt. Hawnhekk, ovvjament, naraw eżempju ta' inteferenza fejn it-traduttur (kif ukoll kull utent ieħor tal-lingwa) jara suffiss bħal *-ation* u jqabblu ma' *-azione*, filwaqt li jiftakar ukoll obbligo kif forsi semagħha bit-Taljan.

Iżda t-Taljan għandu sew obbligazione u obbligo. Konsultazzjoni ma' dizzjunarji ewlenin[2] u anki mat-terminologi Taljani turi li tal-ewwel hija x'aktarx *voce dotta*, jiġifieri reġistru għoli jew formali għall-aħħar, filwaqt li l-oħra tintuża ħafna aktar biex tispjega rabta li wieħed ikollu ma' xi ħaġa oħra, eż. obbligo degli alimenti, obbligo di leva, obbligo scolastico. Obligazione mbagħad għandha wkoll tifsira speċifika fil-qasam finanzjarju fejn tirreferi għal titolu ta' kreditu (*bond*, *debenture*). Obbligo u

[1] BRINCAT J., *Maltese: An Unusual Formula*, MED Magazine (27, Frar 2005), Macmillan Publishers Ltd.; http://www.macmillandictionaries.com/med-magazine/February2005/27-LI-Maltese.htm

[2] BATTAGLIA S., *Grande Dizionario della Lingua Italiana*, UTET 1973; *Vocabolario della Lingua Italiana* (Treccani) 1987; ZINGARELLI N., *Vocabolario della Lingua Italiana*, Zanichelli 2007.

obbligazione żammew b'xi mod sinifikati distinti, anke jekk xorta waħda jafu jidhru qrib ħafna xulxin: filwaqt li obbligo tfisser rabta ġuridika jew morali imposta minn liġi jew awtorità, jew inkella mill-kuxjenza jew sens ta' gratitudini, obbligazione għandha dawn it-tifsiriet morali/ġuridiċi imma għandha t-tifsira ewlenija tagħha li hija dik finanzjarja.

Il-punt hu, liema waħda se nużaw? Kelmtejn mal-avukati tagħna kważi qatlet id-dubju għax dejjem jużaw ***obbligu***, iżda wieħed forsi jkollu jara x'inhuma t-tendenzi fl-għażla ta' traduzzjoni bħal din. Jista' wkoll jiġi investigat jekk ***obbligu*** hijiex forma 'imqassra' li saret aktar popolari, u f'liema kuntesti tista' tiġi infilzata l-***obbligazzjoni*** esklussiva ta' Aquilina. Jidher, madankollu, anki fid-dawl tal-informazzjoni mit-Taljan, li m'aħniex sejrin żmerċ jekk nużaw ***obbligu*** f'bosta mill-kuntesti fejn dan it-terminu jseħħ.

Żewġ każi simili, u forsi inqas problematiċi, jikkonċernaw ***intervent/intervenzjoni*** u ***modifika/modifikazzjoni***. Aquilina jagħti **intervent** biss, filwaqt li jagħti bħala sinonimi ***modifika*** *u* ***modifikazzjoni.*** Rigward intervenzione, jidher ċar li din m'għadhiex użata fit-Taljan u hija kkwalifikata lessikografikament bħala rara u letterarja, u għalhekk wieħed jista' jiddeduċi tnissil naturali tal-***intervent*** Maltija mingħajr problemi. Fil-każ l-ieħor, it-tnejn huma sinonimi fit-Taljan, minkejja li modificazione hija etimoloġikament ħafna eqdem u kellha sinifikat oriġinali mil-Latin li jindika il-konsolidament ta' struttura (*assestamento*). Filwaqt li modificazione tista' tindika proċess, modifica tindika l-bidla proprja u aħħarija. Wieħed jista' forsi juża din id-distinzjoni sottili skont ir-reġistru u l-kuntest: nagħtu kas, liġi tista' tgħaddi minn għadd ta' ***modifiki***, filwaqt li organiżmu jgħaddi minn ***modifikazzjoni*** ġenetika. Għat-Taljan, modifica għandha sinifikat aktar konkret u ċirkoskritt, filwaqt li modificazione, għalkemm sinonimu, tieħu mogħdija għaliha meta tintuża bis-sinifikat speċifiku tagħha fil-qasam tal-ġenetika. M'għandniex xi ngħidu, dawn iż-żewġ kelmiet jinsabu f'bosta għejun bil-Malti u sikwit distinzjonijiet bħal dawn ma jsirux, u wieħed ikollu juża l-lenti sew biex jirnexxilu jwettaq xi forma ta' analiżi, anki vagament statistika, tal-okkorrenzi tagħhom. Jidher, madankollu, li t-tqabbil mal-iżviluppi fl-ilsien Taljan imexxina lejn l-użu esklussiv ta' ***modifika/i***, bl-użu ta' ***modifikazzjoni*** għall-qasam semantiku tal-ġenetika.

*Ħajr lil Maria Elena Ponzo (DGT-C IT-3), mit-tim terminoloġiku Taljan.*

## MILL-GĦATBA 'L BARRA
***Aspetti oħra***

### Id-diversità lingwistika: perspettiva ġuridika
Chris Vella

Id-diversità lingwistika tikkostitwixxi fattur ewlieni tal-identità kulturali fi ħdan l-Ewropa. Il-motto tal-Unjoni Ewropea "Unità fid-Diversità" huwa mera ta' din id-diversità li tinsab proprju fil-qofol tal-idea tal-UE. L-Unjoni Ewropea minn dejjem qieset il-bosta lingwi li tħaddan bħala rikkezza, u mhux bħala piż. Flimkien mal-impenn tagħha lejn integrazzjoni politika u ekonomika fi ħdan l-Istati Membri tagħha, l-UE tħeġġeġ b'mod attiv il-libertà taċ-ċittadini tagħha li jitkellmu u jiktbu bil-lingwi materni tagħhom.

F'kuntest ġuridiku, l-Artikolu 55 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (ex Artikolu 53 UE u ex Artikolu 314 KE) jelenka t-23 lingwa li fihom huma miktubin iż-żewġ trattati (dak dwar l-UE u dak dwar il-funzjonament tal-UE, li jikkostitwixxu t-testi ugwalment awtentiċi ta' dawn it-trattati). Barra minn hekk, l-Artikolu 22 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li l-Unjoni għandha tirrispetta d-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika.

Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tipprovdi diversi eżempji tal-mod kif din l-istituzzjoni ġudizzjarja tinterpreta u tapplika dan il-kunċett b'mod partikolari f'kuntesti bħalma huma dak tal-moviment liberu tal-persuni stipulat fl-Artikolu 45 *et seq* tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-UE (ex Artikolu 39 KE *et seq*) u dak tan-nondiskriminazzjoni stipulat fl-Artikolu 18 tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-UE (ex Artikolu 12 KE). Hekk, pereżempju, fil-kuntest ta' dan l-aħħar artikolu, il-Qorti tal-Ġustizzja pprovdiet li l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni jipprekludi regoli nazzjonali li, fir-rigward ta' lingwa partikolari li ma tkunx il-lingwa prinċipali tal-Istat Membru kkonċernat, jagħtu lil ċittadini residenti f'żona partikolari u li jitkellmu din il-lingwa partikolari d-dritt li jeżiġu li l-proċeduri kriminali fil-konfront tagħhom jsiru b'din il-lingwa partikolari tagħhom meta dawn l-istess regoli ma jagħtux dan id-dritt ukoll lil ċittadini ta' Stati Membri oħra li jgħaddu minn din iż-żona jew jieqfu fiha u li jkunu jitkellmu din l-istess lingwa.

Hekk ġara fil-każ ta' **Bickel** u **Franz**, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari (C-274/96), deċiża fl-24 ta' Novembru 1998. H.O. Bickel, sewwieq ta' trakkijiet Awstrijakk b'residenza fl-Awstrija, twaqqaf fl-Italja mill-carabinieri waqt li kien qed isuq trakk f'Castelbello fir-reġjun ta' Trentino-Alto Adige tal-Italja. Huwa tressaq il-Qorti fuq akkużi ta' sewqan taħt l-influwenza tal-alkoħol. U. Franz, ċittadin Ġermaniż residenti fil-Ġermanja, kien qed iżur ir-reġjun Trentino-Alto Adige bħala turist meta, wara spezzjoni tad-dwana, instab fil-pussess ta' tip ta' sikkina li kienet ipprojbita. Huwa tressaq il-Qorti fuq akkużi marbuta ma' dan il-pussess. Il-kwistjoni prinċipali nqalgħet minħabba l-fatt li ċ-ċittadini tal-provinċja ta' Bolzano li jitkellmu bil-Ġermaniż għandhom dritt jeżiġu l-użu tal-Ġermaniż fil-kuntest ta' materji amministrattivi jew proċeduri ġudizzjarji f'dik il-provinċja. Kemm Bickel kif ukoll Franz iddikjaraw li ma kinux jifhmu t-Taljan u, fuq il-bażi tal-protezzjoni mogħtija lir-residenti f'Bolzano li jitkellmu bil-Ġermaniż, talbu li l-proċeduri kontra tagħhom isiru bil-Ġermaniż. Minkejja l-oppożizzjoni tal-Gvern Taljan u l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li din il-kwistjoni kellha tiġi ddeterminata mill-qorti Taljana, il-Qorti tal-Ġustizzja tat raġun lil Bickel u Franz u ddikjarat li r-regoli msemmija huma diskriminatorji inkwantu jiffavorixxu lil ċittadini Taljani li jitkellmu bil-Ġermaniż fil-konfront ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra li jitkellmu wkoll bil-Ġermaniż.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja rabtet id-dritt għall-użu ta' lingwa partikolari mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni. Fil-fatt, wieħed ma jistax ma jsemmix ukoll li dan il-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni serva sabiex irażżan l-użu abbużiv ta' lingwa bħala rekwiżit għal xogħol jew għal provvista ta' servizz b'mod li jmur kontra l-moviment liberu tal-ħaddiema jew il-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Dan huwa l-każ, pereżempju, meta Stat Membru jimponi għarfien lingwistiku partikolari, li normalment iċ-ċittadini tiegħu biss ikollhom, għal xi impjieg jew għoti ta' servizz partikolari meta dan l-għarfien ma jkunx fil-fatt meħtieġ u jkun biss mod indirett kif jillimita tali xogħol jew servizz għaċ-ċittadini tiegħu. Minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja ma naqsitx milli tissanzjona dan it-tip ta' abbuż, hija lanqas ma qagħdet lura milli tirrikonoxxi u tappoġġa politika nazzjonali ġenwina intiża sabiex tippromwovi l-lingwa nazzjonali u uffiċjali tal-Istat Membru kkonċernat.

Fil-każ ta' **Groener**, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari (C-379/87), deċiża fit-28 ta' Novembru 1989, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha quddiemha sitwazzjoni li ġġib f'kuntrast id-dritt tal-ħaddiema għall-moviment liberu mal-ħtieġa ta' Stat Membru li jkattar il-lingwa nazzjonali tiegħu li hija wkoll l-ewwel lingwa uffiċjali tiegħu. A. Groener, ċittadina Olandiża, kellha tilwima mal-Ministru Irlandiż għall-Edukazzjoni u mal-Kumitat tal-Edukazzjoni u Vokazzjonijiet ta' Dublin wara li l-ministru msemmi rrifjuta li din tingħata kuntratt ta' impjieg *full-time* bħala għalliema tal-arti peress li din ma kinitx għaddiet minn test fl-għarfien tal-lingwa Irlandiża. A. Groener ikkontestat dan ir-rekwiżit tal-lingwa Irlandiża quddiem il-High Court ta' Dublin u

meta l-każ tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari din iddeċidiet li impjieg *full-time* bħala lecturer f'istituzzjonijiet pubbliċi vokazzjonali u tal-edukazzjoni huwa impjieg ta' tali natura li jiġġustifika r-rekwiżit ta' għarfien lingwistiku, kemm-il darba dan ir-rekwiżit lingwistiku huwa impost bħala parti minn politika għall-promozzjoni tal-lingwa nazzjonali li hija, fl-istess ħin, l-ewwel lingwa uffiċjali u kemm-il darba dan ir-rekwiżit huwa applikat b'mod proporzjonat u mingħajr diskriminazzjoni.

Minkejja l-importanza tat-tkattir tal-lingwi materni fi ħdan l-Unjoni Ewropea u l-impenn ta' din tal-aħħar favur il-multilingwiżmu, wieħed ma jistax ma jirrikonoxxix id-diffikultajiet prattiċi li jistgħu jinqalgħu fil-ħidma tal-istituzzjonijiet tal-Komunità minħabba l-fatt li l-Unjoni Ewropea għandha xejn inqas minn 23 lingwa uffiċjali. F'dan il-kuntest, huwa rilevanti ħafna r-Regolament Nru 1, tal-15 ta' April 1958, li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea. Fl-ewwel Artikolu tiegħu jelenka l-lingwi uffiċjali u l-lingwi użati fil-ħidma tal-istituzzjonijiet, filwaqt li fil-kumplament tal-artikoli tiegħu jistabbilixxi prinċipji bażiċi dwar l-użu tal-lingwi. Hekk, pereżempju, dan jistipula li d-dokumenti li Stat Membru jew suġġett tiegħu jista' jibgħat lill-istituzzjonijiet jistgħu jitfasslu f'kull waħda mil-lingwi uffiċjali magħżula minn min jibgħat, filwaqt li r-risposta għandha titfassal fl-istess lingwa (Artikolu 2). Min-naħa l-oħra, dan jipprovdi wkoll li l-istituzzjonijiet jistgħu jistipulaw fir-regoli ta' proċedura tagħhom liema minn dawn il-lingwi għandhom jintużaw f'każijiet speċifiċi (Artikolu 6).

Każ tipiku li juri l-mod kif dawn id-diffikultajiet prattiċi jistgħu jiġu solvuti huwa l-każ tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI). Ir-Regolament dwar it-*trademark* Komunitarja (kodifikat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009) jipprovdi fl-Artikolu 119 tiegħu (Artikolu 115 fil-verżjoni preċedenti tar-Regolament Nru 40/94) li l-lingwi tal-UASI huma l-Ingliż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan u l-Ispanjol. Dan l-artikolu jipprovdi regoli ta' kif il-lingwa mħaddma fil-proċedimenti quddiem l-UASI tintgħażel fin-nuqqas ta' ftehim tal-partijiet dwar il-lingwa li għandha tintuża. L-applikazzjoni tista' dejjem issir fi kwalunkwe waħda mit-23 lingwa uffiċjali, madankollu l-applikant għandu jindika waħda mill-ħames lingwi tal-UASI li huwa jaċċetta bħala lingwa possibbli fil-każ ta' proċedimenti sussegwenti.

Fil-Kawża **Christina Kik** vs **UASI** (C-362/01 P), deċiża fid-9 ta' Settembru 2003, ir-rikorrenti ressqet applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' *trademark* bl-Olandiż u rrifjutat li tagħżel lingwa oħra mill-ħames lingwi stipulati fir-Regolament dwar it-*trademark* Komunitarja. Hija tenniet li din is-sistema tal-għażla ta' lingwa minn ħamsa mħaddma mill-UASI skont l-Artikolu 115 kienet illegali inkwantu *inter alia* tikser il-prinċipji tal-ugwaljanza tal-lingwi u tan-nondiskriminazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx raġun lir-rikorrenti u ddeċidiet li s-sistema dwar l-għażla ta' lingwa ta' korp bħalma huwa l-UASI hija riżultat ta' proċess diffiċli li jfittex jilħaq il-bilanċ meħtieġ bejn l-interessi ta' operaturi ekonomiċi u l-interess pubbliku f'termini ta' spejjeż ta' proċedimenti, kif ukoll bejn l-interessi ta' applikanti għal *trademarks* Komunitarji u dawk ta' operaturi ekonomiċi oħra fir-rigward tal-aċċess għal traduzzjonijiet ta' dokumenti li jagħtu drittijiet, jew proċedimenti li jinvolvu iktar minn operatur ekonomiku wieħed, bħall-proċedimenti ta' oppożizzjoni, ta' revoka jew ta' invalidità taħt ir-Regolament Nru 40/94. Għalhekk, fid-determinazzjoni tal-lingwi uffiċjali tal-Komunità li jistgħu jintużaw bħala lingwi f'dawn il-proċedimenti, fejn il-partijiet ma jkunux jistgħu jiftiehmu dwar il-lingwa li għandha tintuża, il-Kunsill fittex b'mod leġittimu li jsib soluzzjoni lingwistika xierqa għad-diffikultajiet li jinqalgħu minħabba nuqqas ta' ftehim bħal dan. Bl-istess mod, anki jekk il-Kunsill ittratta b'mod differenti l-lingwi uffiċjali tal-Komunità, l-għażla tiegħu li jillimita l-lingwi għal dawk li huma l-iktar magħrufa fil-Komunità Ewropea hija waħda xierqa u proporzjonata.

Din is-soluzzjoni ta' użu ta' numru limitat ta' lingwi għal finijiet ta' prattiċità fix-xogħol ta'

istituzzjoni jew korp tal-Komunità għandha l-limiti tagħha u ebda soluzzjoni simili ma għandu jkollha l-effett ta' diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri differenti. Fil-Kawża **Ir-Repubblika Taljana** vs **Il-Kummissjoni** (T-185/05), deċiża fl-20 ta' Novembru 2008, ir-Repubblika Taljana kkontestat, *inter alia*, deċiżjoni tal-Kummissjoni li l-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' avviżi għal pożizzjonijiet vakanti ta' *senior management* issir biss bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. L-argumenti tal-Kummissjoni bbażati fuq raġunijiet legali kif ukoll fuq raġunijiet ta' prattiċità marbuta mal-funzjonament tajjeb tas-servizz ma kinux biżżejjed konvinċenti għall-Qorti tal-Prim'Istanza li laqgħet it-talba tar-Repubblika Taljana u annullat id-deċiżjoni inkwistjoni.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet dan wara li kkunsidrat, inter alia, li jekk istituzzjoni "tiddeċiedi li tippubblika fil-Ġurnal Uffiċjali t-test sħiħ ta' avviż ta' pożizzjoni vakanti għal pożizzjoni ta' senior management b'ċerti lingwi biss, hija għandha, sabiex tevita diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa bejn il-kandidati potenzjalment interessati mill-imsemmi avviż, tadotta miżuri adegwati sabiex tinforma lil dawn il-kandidati kollha bl-eżistenza tal-avviż ta' pożizzjoni vakanti kkonċernat u bil-verżjonijiet li fihom ġie ppubblikat it-test sħiħ tiegħu" (mill-punt 130 tas-sentenza). Il-Qorti qieset li jekk stess il-kandidati kienu mistennija jkunu jafu tal-inqas waħda minn dawn it-tliet lingwi minħabba n-natura tal-pożizzjoni ta' xogħol reklamata u l-kompetizzjoni li twassal għaliha, xorta waħda kien meħtieġ li tal-inqas isir xi forma ta' avviż dwar din il-pożizzjoni ta' xogħol fil-verżjonijiet l-oħra tal-Ġurnal Uffiċjali jew inkella jittieħdu miżuri oħra ekwivalenti peress li minkejja "*li dawn il-kandidati jista' jkollhom konoxxenza tajba ħafna ta' minn tal-inqas lingwa waħda mill-Ġermaniż, Ingliż jew Franċiż, ma jistax jitqies li huma jikkonsultaw verżjoni tal-Ġurnal Uffiċjali ppubblikata f'lingwa li mhijiex il-lingwa materna tagħhom*" (mill-punt 138 tas-sentenza).

~●~

**Żjara minn Traduttur 2009**
Paul Zahra

Normalment, permezz tal-VTS (Visiting Translator Scheme / Żjara minn Traduttur), id-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea jagħti l-opportunità lit-tradutturi tiegħu li jżuru pajjiż li mhux art twelidhom (fost oħrajn pajjiżi bħar-Russja). Is-sena l-oħra kienet l-ewwel darba li din l-iskema nfetħet ukoll għal tradutturi biex imorru f'art twelidhom kemm f'istituzzjonijiet ta' tagħlim għoli kif ukoll fis-setturi pubbliċi jew privati lokali u nazzjonali li l-attivitajiet tagħhom huma b'xi mod jew ieħor konnessi mat-traduzzjoni u mal-multilingwiżmu.

Billi jien kont l-ewwel traduttur mid-dipartiment tagħna li ntbgħatt fuq missjoni ta' din ix-xorta nixtieq nieħu l-opportunità li qed toffrili t-tieni ħarġa ta' *l-aċċent* biex naqsam magħkom l-esperjenza li kelli s-sena l-oħra matul iż-żjara tiegħi f'Tal-Qroqq b'mod speċjali issa li tnediet is-sejħa ġdida għal VTS 2010.

Nixtieq nibda biex ngħid li ma kienx faċli niddeċiedi għandix napplika jew le. Fuq naħa kelli opportunità li mmur naħdem xahar Malta u fl-istess waqt inkun viċin tal-familja, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra ridt nikkunsidra li dan l-impenn ma kienx se jkun daqshekk faċli u li jekk nintgħażel kien jinħtieġli nagħmel minn kollox biex dan jirnexxi kemm għas-sodisfazzjon tal-Kummissjoni kif ukoll għal dak personali. Għadda minn moħħi l-ħsieb ukoll li jekk ħadd mid-dipartiment tal-Malti ma japplika konna se nkunu forsi qed nitilfu ċ-ċans li jerġgħu joffrulna din l-okkażjoni u b'hekk konna nkunu qed inċaħħdu kemm lill-pubbliku Malti, f'dan il-każ l-istudenti f'Tal-Qroqq, kif ukoll lilna nfusna minn opportunità li ma setgħetx tkun għajr ta' benefiċċju għal dawk kollha involuti. Iddeċidejt mingħajr aktar taħbil ir-ras li napplika u li mmedd għonqi għal dak li kien hemm bżonn li jsir.

Il-biċċa l-kbira tax-xogħol li wettaqt waqt il-VTS kien jikkonsisti f'lezzjonijiet u f'sessjonijiet ta' taħriġ fil-laboratorju tal-kompjuters, f'kuntatti

ma' esperti tal-Malti u f'li naghti lill-istudenti stampa aktar viżibbli tal-UE. L-għanijiet prinċipali tiegħi matul il-programm kienu li nwassal lill-istudenti kemm jista' jkun tagħrif dwar il-politika tal-multilingwiżmu mħaddna mill-UE, li ngħinhom b'taħriġ fit-traduzzjoni ta' dokumenti tal-UE, li naġġorna ruħi dwar x'qed jiġri fil-Malti u, l-aħħar iżda mhux l-anqas, li naqsam mal-istudenti l-esperjenza professjonali tiegħi u dik ta' kuljum bħala persuna li qed taħdem barra minn Malta.

Il-lezzjonijiet kienu jikkonsistu l-aktar fi preżentazzjonijiet bil-*powerpoint* li t-tema tagħhom b'mod ġenerali kienet l-Unjoni Ewropea u b'mod partikulari d-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni. Temi li kienu aktar speċifiċi kienu jinkludu suġġetti bħall-programm tal-EMT (Master's Ewropew fit-Traduzzjoni), Dossier Manager, Suivi, Trados, it-twassil ta' dokumenti lill-kumpaniji privati tat-traduzzjoni, it-traduzzjoni għall-unità tal-web u l-websajt *Europa*. Il-lezzjonijiet lingwistiċi kienu prinċipalment orjentati fuq l-użu tad-dizzjunarji u l-problemi li niltaqgħu magħhom minħabba l-użu ta' reġistri lingwistiċi speċjalizzati u n-nuqqas ta' terminoloġija adegwata.

Rigward is-sessjonijiet ta' taħriġ fil-laboratorju tal-kompjuters, ippruvajt nagħtihom idea ta' kif għandhom jiġu tradotti d-dokumenti tal-Kummissjoni u dwar ir-riżorsi lingwistiċi u dokumentarji li għandhom jew li jistgħu jintużaw. Dawn kienu jinkludu fost l-oħrajn: l-użu tal-Eur-Lex, il-Euramis u l-Iate. Il-biċċa l-kbira tal-istudenti ma kinux jafu li dawn jeżistu jew li huma disponibbli għall-pubbliku u li huma ferm utli għat-tradutturi li jaħdmu għal rashom. Fil-laboratorju flejna flimkien il-format tal-*Legiswrite* tad-dokumenti tal-UE u l-użu tat-Trados u l-problemi li wieħed jiltaqa' magħhom b'mod partikulari meta jkun qed jittraduċi n-noti f'qiegħ il-paġna.

Biex l-UE tkun aktar viżibbli għall-istudenti organizzajt flimkien mal-kollega tagħna, Angelo Chetcuti, żjara fir-rappreżentanza ġewwa l-Belt fejn Edward Demicoli spjega fid-dettall ir-rwol tar-rappreżentanza u tal-uffiċċju lokali tal-Kummissjoni.

Kemm domt Malta kkollaborajt fost l-oħrajn mal-lekċerers li fil-preżent qed jgħallmu fil-kors tal-Master's fit-Traduzzjoni. Dawn jinkludu lill-Prof. J. Eynaud, Dr Anthony Aquilina, Dr Charles Briffa, Dr Sergio Portelli, Ms Claudine Borg u Dr Claire Thake Vassallo. Apprezzajt l-għajnuna tagħhom u l-fatt li ħadu gost jaqsmu miegħi l-esperjenza u t-tagħrif li kelli pprogrammat li nwasslilhom. Tkellimt u ddiskutejt magħhom dwar ħafna mill-aspetti li jinvolvu t-traduzzjoni bil-Malti. Din hija lista ta' pubblikazzjonijiet maħruġin minnhom u minn individwi oħrajn li jistgħu jservu ta' referenza għat-tradutturi Maltin kemm mil-lat teoretiku kif ukoll mil-lat prattiku. Naħseb li ħadd ma għandu jitlef l-opportunità li jaġġorna ruħu ma' dak li qed jiġri lokalment fil-qasam tad-traduzzjoni.

1. **Aquilina Anthony**: Théorie et pratique de la traduction littéraire français/maltais, Malta University Publishing
2. **Briffa Charles**: Aspetti tal-Istruttura tal-Malti Modern (PEG, 2006)
3. **Briffa Charles**: Aspetti tal-Istruttura tal-Paragrafu fil-Malti (PEG, 2007)
4. **Briffa Charles**: Dictionary for Specific Purposes: English-Maltese-English (Midsea, 2007)
5. **Briffa Charles**: Translation Practice for the Maltese Bilingual (Agenda, 2009)
6. **Seychell Laurent**: La traduction professionnelle aux multiples visages: français/maltais (Malte, Gutenberg)

Matul iż-żjara tiegħi sibt il-ħin ukoll biex niltaqa' mal-Prof. Manwel Mifsud, George Farrugia u Mario Cassar fejn fost ħwejjeġ oħrajn ħadt gost nitkellem magħhom dwar l-aġġornamenti fid-dizzjunarji u dwar punti lingwistiċi oħrajn. Tkellimna wkoll dwar il-problemi tal-kliem misluf mill-Ingliż u dwar il-possibbiltà ta' dizzjunarju Malti-Ingliż/Ingliż-Malti onlajn aġġornat regolarment. Fil-fatt dan ilu maħsub u t-tama tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti hu li dan jiġi implimentat mill-aktar fis possibbli.

Meta bdejt il-VTS ma kontx naf li se jkun hemm grupp ta' studenti f'Għawdex li kienu qed jagħmlu l-Masters filgħaxija. Kif ġejt mgħarraf dwar dan ħadt l-inizjattiva li mmur Għawdex

biex inwassal il-programm tal-VTS lilhom ukoll. Mort Għawdex tliet darbiet u fortunatament il-baħar bejn il-fliegu inzerta kalm u salpajna mingħajr problemi. Nixtieq ngħid ukoll li matul il-programm tal-VTS kont ferm sodisfatt bl-interess muri mill-istudenti u għalhekk inħoss li l-programm tal-VTS li wettaqt magħhom is-sena l-oħra se jgħinhom fl-istudji tat-traduzzjoni u sabiex huma jaħtfu l-opportunitajiet ġodda li qed jistennewhom wara li jtemmu b'suċċess il-kors tal-Master's. Ħeġġiġthom ukoll biex japplikaw għat-*traineeships* li ta' spiss ikunu offruti mid-DĠT kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fi Brussell.

Fl-aħħarnett minn dawn il-paġni nixtieq nawgura lill-applikanti kollha li applikaw għall-VTS 2010, u nistedinhom jikkuntattjawni f'każ li jkollhom bżonn ta' tagħrif ieħor. Nixtieq ukoll nieħu l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lil Catia Torrini u lil Eduarda Portilha tal-Unità R4 tal-għajnuna siewja tagħhom fit-tħejjija tiegħi għall-programm tal-VTS.

~●~

**Ħidma fuq ċekkjatur bil-Malti**
Ramon Casha

Fl-2001 jien kont bdejt nagħmel traduzzjoni tas-sistema operattiva Linux għall-Malti, u waqt li kont qed naħdem fuqha ddeċidejt li nibda niġbor il-kliem kollu bil-Malti li kont qed nuża sabiex noħloq ċekkjatur għall-Malti biex nużah fix-xogħol li kont qed nagħmel jien stess. Bdejt inżid miegħu materjal minn kull fejn stajt - siti tal-internet, gazzetti u pubblikazzjonijiet online bil-Malti, il-liġijiet u dak kollu li stajt insib. Bil-mod il-mod din il-lista ta' kliem bdiet timtela, u eventwalment ħriġt l-ewwel ċekkjatur tal-Malti fuq is-sistemi tal-Linux.

Kienu ħafna li wrew interess f'dan il-proġett, imma ħafna minnhom jużaw il-Windows, u s-sistema tiegħi ma kinitx tista' tintuża mill-programmi tal-Microsoft, li jużaw sistema proprjetarja għal dan ix-xogħol. Biex ikunu jistgħu jinqdew anke dawk li jużaw il-Windows, fis-6 ta' Ġunju 2002 ħloqt servizz online fejn tista' tikkopja t-test fuq paġna apposta u dan jiġi ċċekkjat, bil-kliem mhux magħrufa jiġu mmarkati u jintwerew suġġerimenti għalihom. Dan is-servizz online jintuża ħafna, u l-paġna hija waħda mill-iżjed popolari fuq is-sit tal-Malta Linux Users Group.

Il-lista ta' kliem illum il-ġurnata fiha 'l fuq minn 800,000 kelma. Il-biċċa l-kbira minn dan il-volum jikkonsisti fil-verbi. Biex nipproduċi dawn il-verbi ħloqt programm apposta, li juża r-regoli tal-konjugazzjoni tal-verbi Maltin. Minn kull għerq ta' verb joħorġu 'l fuq minn elfejn varjazzjoni jekk tinkludi n-negattiv. Ix-xogħol biex jiġu kodifikati dawn ir-regoli hu wieħed diffiċli u għadu għaddej. Dan qed isir biex jiġu identifikati l-eċċezzjonijiet, liema forom jieħu kull verb, u taħt liema regoli jaqa'.

Ix-xogħol ewlieni ta' dan il-proġett kien li tinħoloq din il-lista ta' kliem, li mbagħad tista' tintuża fi prodotti differenti. Hemm programmi fil-Linux li jużaw din is-sistema b'mod effettiv għal kollox, u issa għaddej ix-xogħol biex din il-lista tintuża wkoll fil-prodotti Firefox u OpenOffice.org. Hawnhekk għad hemm intopp - iċ-ċekkjatur tagħhom jibda billi jneħħi l-marki tas-sintassi bħall-virgoletti, imma qiegħed ukoll ineħħi l-apostrofu u s-sing, li fil-Malti jifformaw parti mill-kelma. Diġà qed isiru l-bidliet meħtieġa u nispera li f'verżjonijiet li se joħorġu 'l quddiem, din il-problema - li taffettwa lingwi oħra barra l-Malti - tiġi solvuta.




Iċ-ċekkjatur li qed jintuża fil-Firefox

Dan il-proġett huwa wieħed kontinwu - fil-lista għad hemm xi kliem inkorrett u, minkejja li twila, fiha ħafna kliem nieqes ukoll. F'din l-aħħar sena kelli għajnuna minn Euris Consult, li toffri

servizzi ta' traduzzjoni, kif ukoll minn min hu involut fil-kors tal-qarrejja tal-provi, sabiex inkomplu nsaħħu u ntejbu dan is-servizz.

Iċ-ċekkjatur tal-Malti, jew aħjar il-lista ta' kliem li qed tinħoloq, hija pubblikata taħt il-liċenzja LGPL, li hija liċenzja ta' sors ħieles (*open source*), u għalhekk tista' tintuża u tiġi adattata għal prodotti oħra. Dan jiżgura li ċ-ċekkjatur ikun jista' jgħin l-akbar għadd ta' nies possibbli.

Wieħed jista' jagħmel użu miċ-ċekkjatur online fuq is-sit http://linux.org.mt/spellcheck, filwaqt li l-lista ta' kliem (għal min jixtieq jintegraha ma' prodotti oħra) tinstab hawn: http://linux.org.mt/node/62.

*Ramon Casha qiegħed fuq il-Kumitat Tekniku għall-Iżvilupp tal-Malti fl-Informatika tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, u jaħdem bħala speċjalist tekniku ma' Megabyte Ltd.*

~●~

**Intervista ma' Michael Apweiler, student tal-Malti**

*Kemm ilek tistudja l-Malti u x'wasslek għal dan?* Bdejt it-tagħlim tal-Malti f'Ottubru 2003, hawnhekk il-Lussemburgu, f'kors organizzat mill-istituzzjonijiet. L-ewwel u t-tieni livell kienu *intensive courses*, jiġifieri ta' ġimagħtejn *full-time*. Il-problema tiegħi kienet li ma kellix il-ħin biex niddiġerixxi l-vokabularju u l-grammatika – u li, bejn livell u ieħor, bdejt ninsa kollox! U ma kelli ebda esperjenza ta' lingwa Semitika. Mit-tielet livell 'il quddiem kellna għalliema li toqgħod il-Lussemburgu u għalhekk kien possibbli li jiġi organizzat kors regolari ta' nofs ta' nhar kull ġimgħa.

*Għaliex għażilt il-Malti?* F'dak iż-żmien kelli aptit nitgħallem lingwa oħra; l-idea kienet li nibda jew il-Grieg jew l-Iżvediż - mhux il-Malti, bilkemm kont naf li jeżisti! (Jien u l-mara tiegħi konna żorna Malta għal vaganza, imma ovvjament konna nużaw l-Ingliż).

*Xi tħoss li jrendilek it-tagħlim ta' lingwa li jitkellmuha biss l-abitanti tal-gżira?* L-ewwel nett, kif għidt, ma kellix esperjenza ta' lingwa Semitika; dan kien iċ-ċans biex insir midħla ta' lingwa Semitika bil-kitba Latina. Hija lingwa interessanti ħafna, bil-bażi Semitika, imma parti kbira mill-vokabolarju mniżżla mit-Taljan jew mill-Isqalli. Il-letteratura bil-Malti fiha xogħlijiet affaxxinanti; għandi xi tletin ktieb (s'issa qrajt xi tmienja minnhom, ġeneralment indum ħafna naqra bil-Malti) ta' awturi bħal Trevor Żahra, Oliver Friggieri u Joe Friggieri, imma wkoll Immanuel Mifsud – jew Simon Bartolo u Loranne Vella! Għalija l-Malti huwa wkoll il-mezz biex nagħraf aħjar il-Ġżira - l-istorja, il-kultura u l-ħajja ta' kuljum - b'mod mhux turistiku.

*Kemm-il darba żort Malta? Użajtu l-Malti? X'esperjenza kellek?* Kont Malta xi sitt darbiet. U dażgur, ippruvajt nitkellem bil-Malti… b'suċċess varjat. Il-konklużjoni tiegħi: impossibbli max-xufieri ta' tal-linja u fir-ristoranti l-Belt, diffiċli f'postijiet bħal Tas-Sliema, imma kważi dejjem kelli reazzjonijiet tajbin fil-mużewijiet jew fil-ħwienet tal-kotba.

*X'ħadt mil-lingwa li tħoss li ressqek aktar lejn il-Maltin?* Fil-Kummissjoni hemm numru kbir ta' tradutturi Maltin u hemm xi wħud li xi kultant niltaqa' magħhom biex nieklu flimkien jew nieħdu kikkra kafè - u nitkellmu bil-Malti, ovvjament! Ġeneralment il-kollegi Maltin huma dħulin ħafna u għandhom paċenzja kbira ma' barrani li qed jitqabad juża l-lingwa bil-mod korrett. Għalhekk il-Malti huwa strument tajjeb biex niltaqa' ma' nies ta' kultura speċjali, bl-element Mediterran, element Ingliż u anki aspetti Semitiċi - u l-imgħoddi Puniku!



Michael Apweiler waqt żjara tiegħu f'Malta

~●~

# TISLIBA KRIPTIKA 2




© Antoine Cassar 2010.

Fit-tisliba kriptika, aktar milli jagħtu sinonimi jew definizzjonijiet tal-kelma mfittxa, il-mistoqsijiet jagħtu ħjiel ta' kif għandek tibni l-kelma, spiss permezz ta' anagrammi. Regoli ċari ma hemmx, iżda ladarba tkun qbadt il-loġika partikulari tal-mistoqsijiet, tidraha malajr.

Nieħdu bħala eżempju l-mistoqsija 4 mimdudin:

*4 Marret tiżfen, ħawdet ir-rotta, u llum ma tantx għadha tidher (9)*

Minn '*marret tiżfen*' nistgħu nieħdu l-kelma *ballu*; jekk 'inħawdu' l-ittri ta' *rotta* u nżiduhom mal-kelma *ballu*, naslu għall-kelma *ballottra*, annimal li, tal-anqas f'Malta, ma tantx għadu jidher.

Ħudu gost. Għal raġunijiet prattiċi, l-għajn (għ) u l-ie jieħdu żewġ kaxex.

MIMDUDIN

1 L-omm, fil-baħar (4)
4 Marret tiżfen, ħawdet ir-rotta, u llum ma tantx għadha tidher (9)
9 Stat xejn irħis, bejn stati oħra jew kullimkien (15)
10 Tant dam ma ġie lura t-tifel li l-inbid għal ftit ma sarx qares (4)
11 Żwiemel żgħar bl-eluf, jew wieħed biss (4)
13 Kev, x'temp qed ikollkom il-Perù? (5)
16 Daka x'mar jiekol f'nofsinhar? X'jismu? (6)
17 Pjaneta meqjuma (8)
18 Kelmtejn ta' missier, u skoss ward bir-rimi (8)
19 Antika forsi, skont ir-razza (6)
21 Tgħid lemaħ pajjiżu? (5)
24 Ommi ma, kemm jitqallbu l-ibħra fil-bogħod! (8)
25 L-imgħallem mar il-Ġermanja, u tkisser sew (5)
26 Daqsxejn ta' wirja? (4)
27 Le man, dak mhux hekk jismu, imma mod ieħor (3)
28 Kju f'Belgrad? (6)
29 Ħafna ħars... jinstemgħu donnhom bil-ġuħ (4)

WEQFIN

2 Hekk kif Anġlu daħal it-Tibet, sab waħda ħelwa u tawwalija (7)
3 Mhux biex inmerik, imma qed teżaġera mhux ħażin (11)
4 Tajjeb f'xogħlu dak, qatt ma jgħid uff (10)
5 Vapur tal-lussu? Mhux eżatt (5)
6 Sultan, bilqiegħda, jisħaq fuq tal-aħħar (5)
7 Maestà, agħti xi ħaġa, hemm wisq kriminalità (5)
8 Il-kliem hekk, ta' rasu, donnu biċ-ċiera (6)
12 Vanni ġo bott? Sonbor (7)
14 Kważi oranġjo, semma' leħnek ħa jisma' t-tabib (11)
15 Wieħed li jaqta' qalbu minn qabel? (10)
18 Ħares, il-pagun ma' xiex se tqabblu? (7)
20 Kieku jdawwar il-mira tiegħu, jeqred inqas (7)
22 Qabad kemm kemm, u kkmanda (5)
23 Il-bufula pespset waħda... taċ-ċomb (5)
24 Ma jitkellimx? Le, imma jgħaddi bi storbju (5)

**Soluzzjoni Tisliba Kriptika 1**




**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines/

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: l-accent@ec.europa.eu

***Koedituri***: *Antoine Cassar,*

*Alessandro Mangion, Louise Vella*

***Ikkontribwew ukoll***: *Stephanie Bugeja*

*Rowena Schranz, Alan Xuereb*

***Impaġnar***: *Chris Galea*

**Ċaħda**

Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bullettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni, u lanqas is-servizzi tagħha, ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.